Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 207/21
il-Lussemburgu, 23 ta' Novembru 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-564/19
IS (Illegalità tad-digriet tar-rinviju)

Id-dritt tal-Unjoni jipprekludi li, wara appell fl-interess tal-liġi ppreżentat mill-Prosekutur Ġenerali, qorti suprema nazzjonali tikkonstata l-illegalità ta' talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti inferjuri, minħabba li d-domandi magħmula ma jkunux rilevanti u neċessarji għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali.

Fuq il-bażi tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, qorti nazzjonali għandha twarrab kull prassi ġudizzjarja nazzjonali li tippreġudika l-possibbiltà tagħha li tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja

Imħallef tal-Pesti Központi Kerületi Bíróság (il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Pest, l-Ungerija) ġie adit bi proċeduri kriminali kontra ċittadin Svediż. Matul l-ewwel seduta mill-awtorità investigattiva, l-imputat, li ma kienx jaf l-Ungeriż u li kien assistit minn interpretu tal-lingwa Svediża, ġie informat bis-suspetti fil-konfront tiegħu. Madankollu, ma teżisti ebda informazzjoni dwar l-għażla tal-interpretu, dwar il-verifika tal-kompetenzi tiegħu jew dwar il-fatt li huwa u l-imputat kienu jifhmu lil xulxin. Fil-fatt, fl-Ungerija ma jeżisti ebda reġistru uffiċjali ta' tradutturi u ta' interpreti u l-leġiżlazzjoni Ungeriża ma tispeċifikax min jista' jinħatar f'dan ir-rigward fil-proċeduri kriminali, u lanqas skont liema kriterji. Għaldaqstant, skont l-imħallef adit, la l-avukat u lanqas l-imħallef ma huma f'pożizzjoni li jivverifikaw il-kwalità tal-interpretazzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa jqis li d-dritt tal-imputat li jiġi informat bid-drittijiet tiegħu u d-drittijiet tad-difiża tiegħu jistgħu jiġu ppreġudikati.

Huwa għalhekk li dan il-imħallef iddeċieda li jagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Ungeriża mad-Direttiva 2010/64 [1], dwar id-dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fil-kuntest tal-proċeduri kriminali, u mad-Direttiva 2012/13 [2], dwar id-dritt għall-informazzjoni fil-kuntest ta' tali proċeduri. Fil-każ ta' inkompatibbiltà, huwa jistaqsi, barra minn hekk, jekk il-proċeduri kriminali jistgħux jitkomplew fl-assenza tal-imputat, peress li tali proċeduri huma previsti fid-dritt Ungeriż, f'ċerti każijiet, meta dan ma jkunx preżenti waqt is-seduta.

Wara dan ir-rinviju inizjali lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija) tat deċiżjoni fuq appell fl-interess tal-liġi ppreżentat mill-Prosekutur Ġenerali Ungeriż kontra d-deċiżjoni tar-rinviju u qieset li din kienet illegali, mingħajr madankollu ma affettwat l-effetti legali ta' din id-deċiżjoni, minħabba, essenzjalment, li d-domandi magħmula ma kinux rilevanti u neċessarji għas-soluzzjoni tat-tilwima kkonċernata. Fuq il-bażi tal-istess raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata d-deċiżjoni tal-Kúria (il-Qorti Suprema), inbdiet proċedura dixxiplinari, li fil-frattemp ġiet irtirata, kontra l-imħallef tal-qorti tar-rinviju. Peress li kellu dubji dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' tali proċedura u kif ukoll tad-deċiżjoni tal-Kúria (il-Qorti Suprema) u dwar l-impatt tagħha fuq it-tkomplija tal-proċeduri kriminali fil-kawża prinċipali, l-imsemmi mħallef ressaq talba għal deċiżjoni preliminari addizzjonali f'dan ir-rigward.

[1] Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU 2010, L 280, p. 1).
[2] Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU 2012, L 142, p. 1).

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja, komposta bħala Awla Manja, tqis li **s-sistema ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja**, stabbilita permezz tal-Artikolu 267 TFUE, **tipprekludi li qorti suprema nazzjonali tikkonstata**, wara appell fl-interess tal-liġi, **l-illegalità ta' talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti inferjuri**, mingħajr ma taffettwa l-effetti legali tad-deċiżjoni tar-rinviju, **minħabba li d-domandi magħmula ma jkunux rilevanti u neċessarji għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali**. Fil-fatt, **tali stħarriġ tal-legalità jixbah l-istħarriġ tal-ammissibbiltà ta' talba għal deċiżjoni preliminari, li għalih il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni esklużiva**. Barra minn hekk, tali konstatazzjoni ta' illegalità hija ta' natura, minn naħa, li ddgħajjef l-awtorità tar-risposti li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun ser tipprovdi u, min-naħa l-oħra, li tillimita l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali li jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari, u, konsegwentement, tista' tirrestrinġi l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-individwi jisiltu mid-dritt tal-Unjoni.

F'tali ċirkustanzi, **il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jeżiġi li l-qorti inferjuri tinjora d-deċiżjoni tal-qorti suprema tal-Istat Membru kkonċernat**. Il-fatt li, sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' eventwalment tiddikjara inammissibbli d-domandi preliminari magħmula minn din il-qorti inferjuri ma jaffettwax din il-konklużjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **d-dritt tal-Unjoni jipprekludi proċedura dixxiplinari mibdija kontra mħallef nazzjonali minħabba li jkun adixxa lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari**, peress li l-perspettiva biss li dan jiġi espost għal tali proċedura tista' tippreġudika l-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 267 TFUE, kif ukoll l-indipendenza tal-imħallef, li hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb ta' dan il-mekkaniżmu. Barra minn hekk, tali proċedura tista' tiddisswadi lill-qrati nazzjonali kollha milli jressqu talbiet għal deċiżjoni preliminari, u dan jista' jikkomprometti l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-obbligi imposti fuq l-Istati Membri, skont id-Direttiva 2010/64, fid-dawl tal-interpretazzjoni u tat-traduzzjoni fil-kuntest tal-proċeduri kriminali. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri konkreti li jiżguraw, minn naħa, li l-kwalità tal-interpretazzjoni u tat-traduzzjonijiet tkun suffiċjenti sabiex il-persuna ssuspettata jew il-persuna akkużata tifhem l-akkuża miġjuba kontriha. Il-ħolqien ta' reġistru ta' tradutturi jew interpreti indipendenti jikkostitwixxi, f'dan ir-rigward, wieħed mill-mezzi sabiex jintlaħaq dan il-għan. Min-naħa l-oħra, il-miżuri adottati mill-Istati Membri għandhom jippermettu lill-qrati nazzjonali jivverifikaw il-kwalità suffiċjenti tal-interpretazzjoni, sabiex in-natura ekwa tal-proċedura u l-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża jkunu ggarantiti.

Wara din il-verifika, qorti nazzjonali tkun tista' tikkonkludi li, minħabba interpretazzjoni inadegwata jew l-impossibbiltà li tiġi stabbilita l-kwalità tagħha, persuna ma tkunx ġiet informata bl-akkuża miġjuba kontriha f'lingwa li tifhem. F'tali ċirkustanzi, id-Direttivi 2010/64 u 2012/13, moqrija fid-dawl tad-drittijiet tad-difiża, fis-sens tal-Artikolu 48(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jipprekludu li l-proċeduri kriminali jitkomplew fil-kontumaċja.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Immaġini tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106.